MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1/2004

**Martin Caruana**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Lulju, 2003, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur li permezz taghha waqqaf l-Ghajnuna Socjali wara li l-Bord Mediku ccertifika li l-appellant kien tajjeb biex jirregistru ghax-xoghol;

L-appellant ipprezenta certifikat tat-tabib Dr. J. Portelli Demajo, fejn gie dikjarat li l-appellant fil-prezent ma kienx tajjeb ghax-xoghol.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta pero` li l-appellant deher quddiem il-Bord Mediku u gie certifikat li kien tajjeb biex jirregistra ghax-xoghol.

Fil-fehma ta’ l-Arbitru, id-decizjoni appellata nghatat fit-termini ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell.”

Martin Caruana appella minn din is-sentenza ta’ l-Arbitru bl-aggravju illi dan naqas milli japprezza fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-fatt illi ghalkemm imsejjah biex jidher quddiem il-Bord Mediku, ma giex effettivament ezaminat mill-*panel* tat-tobba. Huwa jikkontendi li fir-realta` huwa ghadu sofferenti minn griehi li kien issubixxa konsegwenti ghall-aggressjoni fuq il-persuna tieghu. In sostenn ta’ dan l-ilment tieghu l-appellant kien esebixxa quddiem l-Arbitru certifikat mediku mahrug mit-Tabib J. Portelli Demajo u fejn kien dikjarat li hu ma kienx tajjeb ghax-xoghol;

Jigi rilevat qabel xejn illi ghalkemm id-decizjoni ta’ l-Arbitru nghatat, kif fuq inghad, fit-23 ta’ Lulju 2003, eppure l-kopja taghha giet moghtija lill-appellanti fid-9 ta’ Frar 2004. Dan kif evidenzjat mid-dikjarazzjoni ta’ l-istess data (Dok. MC6) mahruga mill-ufficcju ta’ l-Arbitru. Li jfisser allura illi l-appell gie introdott fit-terminu ta’ tletin gurnata kif mahsub bl-Artikolu 109 (2) tal-Kapitolu 318;

Precizat dan il-punt, qed jigi osservat b’ introduzzjoni preambulari illi f’ materja rigwardanti l-aspettattivi u d-dritt ghal konsegwiment ta’ beneficcji socjali filwaqt li hu dejjem gustifikat u xieraq illi d-Dipartiment koncernat jassikura li l-ebda kontribwent jew beneficcjarju ma jabbuza mis-sistema b’ mod li l-assistenza socjali tinghata lil min verament jisthoqqlu, minn naha l-ohra ma ghandux jigi prattikat zelu kapriccjuz illi, filwaqt li jhares l-interessi ta’ l-erarju, itellef jew icahhad lil dak li jkun mid-drittijiet

meritevoli ghall-ghajnuna. Dak iz-zelu ghandu jkun wiehed tendenti ghall-harsien tal-ligi u tar-regolamenti, applikat b' mod uniformi u gust, izda qatt strumentalizzat;

Dan premess, fil-kaz singolari hawn ezaminat din il-Qorti difficilment tista' ssib raguni biex ticcensura d-decizjoni tad-Direttur u l-konferma ta' l-Arbitru ta' din l-istess decizjoni. Fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ma jistax ikun dubitat illi l-ilment imressaq mill-appellant f' forma ta' aggravju messu ngieb *a tempo debito* ghall-attenzjoni ta' l-Arbitru. Dan qed jigi rilevat in kwantu mill-ezami tas-sentenza ta' l-Arbitru ma nsibu ebda referenza ghal tali lment u allura wiehed ghandu ghax jissupponi u jipprezumi li tali lment ma giex imqanqal fil-kors ta' l-appell quddiem l-Arbitru biex jigi hemm epurat u trattat;

(2) Jekk mill-banda l-ohra lment bhal dan gie hemm sollevat ma jidherx imbaghad li s-sottomissjonijiet dwaru kienu talment perswasivi li jikkonvincu lill-Arbitru. Wiehed necessarjament jifhem ukoll illi l-appellant ma rnexxielux jipprova l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-Bord Mediku ma ezaminahx, jew ma ezaminatux bil-mod kif mistenni minnu;

Ghalkemm il-kompitu ta' l-Arbitru huwa dak li jindaga u jissindika d-decizjoni tad-Direttur u li jaccerta ruhu li din ma kienetx hekk arbitrarja jew azzardata huwa ferm difficli f' kazijiet tax-xorta ta' dak hawn trattat illi l-Arbitru jitbieghed mid-decizjoni mehuda mid-Direttur hekk bazata fuq konsiderazzjoni ta' l-aspett mediku involut;

Fil-verita` din il-Qorti ma tara xejn li jgeghlha tiddissenti mid-decizjoni tad-Direttur fil-kaz partikulari. Fir-rigward tissenjala dawn ir-rilevanzi:-

(1) Ma jirrizultax li d-Direttur naqas milli jezercita l-gudizzju tieghu fil-parametri tal-ligi. Dan wara debita konsultazzjoni mal-*panel* tat-tobba fit-termini tal-proviso (a) ta' l-Artikolu 106. *Panel* dan ta' tobba professjonisti kwalifikati u li kien tal-parir li l-appellanti kien tajjeb ghax-xoghol;

(2) Ma kien hemm xejn x' jindika fic-cirkostanzi fattwali illi l-evalwazzjoni maghmula mid-Direttur ma kienetx dik korretta gjaladarba din tirrikoncilja ruhha mal-parir lilu hekk moghti mill-Bord Mediku;

(3) L-appellant certament kellu kull opportunita` li jikkonvinci fl-ewwel lok lil dan il-Bord dwar il-kondizzjoni medika tieghu, anke bil-produzzjoni ta' opinjoni medika tax-xelta tieghu. Jekk f' dan ma rnexxielux ma jistax certament ilum lid-Direttur appellat meta dan iffonda d-decizjoni tieghu fuq il-parir lilu moghti. Parir li ghal kull fini u effett kellu jkun meqjus li kien ir-rizultat ta' ezercizzju investigattiv mediku regolarment kondott;

(4) Jibqa' l-fatt illi jekk l-appellant naqas li jikkonvinci lit-tobba maghzula dwar il-qaghda medika tieghu u aktar u aktar lill-Arbitru dwar allegat ksur tal-principju ta' gustizzja naturali dwar il-mod tal-konduzzjoni ta' tali ezami mediku, ma jistax jistenna li din il-Qorti ghandha issa tiddisturba l-apprezzament ta' l-Arbitru tal-kaz tieghu kif sorrett mir-rizultanzi fattwali.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka u n-nullita` tas-sentenza appellata ta' l-Arbitru. Konsegwentement ghas-sens premess il-Qorti qed tikkonferma l-istess decizjoni bl-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------